MALTA

# BORD DWAR L-ARBITRAGG TAL-ARTIJIET MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Rikors Numru. 15/1998/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**vs**

**John Mary Bonello u Vincenza Bonello**

Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti, wara li ppremetta illi l-intimati gew notifikati b'Avviz ghall-Ftehim, datat 7 ta' Jannar 1998 fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas b'titolu ta' Dominju Pubbliku tal-fond f'Birkirkara Nru 13 Sqaq Nru 2, Triq il-Herba, B'Kara huwa ta' tmien Liri Maltin u erbghin centezmu (Lm8.40) fis-sena kif jidher mir-rapport tal-Perit O Caruana Montaldo A. & C.E. tas-27 ta' April 1992 li estratt tieghu huwa anness mal-istess avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tas-27 ta' Jannar 1998 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jacettawx il-kumpens offert.

Ir-rikorrenti talab bir-rispett, li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrenti b'titolu ta' Dominju Pubbliku l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi, a konjizzjoni ta' dan il-Bord ingiebu is-segwenti provi:-

a) Kif risultanti a fol 6 tal-atti, fit-2 ta' Awissu 1991 kien gie dikjarat li l-post in kwistjoni kien mehtieg mill-awtorita kompetenti ghal skop pubbliku u b'hekk kien qed jigi akkwistat b'titolu ta' <u>dominju pubbliku</u>, u mhux b'wiehed ta' pussess u uzu kif originarjament kien sar, fit-30 ta' Novembru 1989.

b) Ghalhekk, f'dawn il-proceduri, gie prodott <u>Carmel Falzon</u> in rapprezentanza ta' Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-"Land Valuation Officer" (fol 23 et seq ibid) u dan, permezz tac-certifikat esebit a fol 24 tal-atti, informa lill-Bord li l-kera annwali dikjarata skond il-ligi, mill-istess sidien kienet tammonta ghal <u>Lm4.00,0</u> u dan in rigward l-istess post.

c) Pjanta u "site plan" relattiv ghall-post in kwistjoni.

d) <u>Il-Perit Oscar Caruana Montaldo</u> li kkonferma l-istima sottomessa minnu (ara fol 37 u fol 4 tal-istess atti) minn fejn jirrisulta li l-kera ta' gharfien fis-sena dejjem vis-à-vis l-istess fond gia demolit kienet tammonta ghal <u>Lm8.40,0</u>.

e) Il-membri teknici tal-Bord waslu sabiex jiffissaw il-kumpens relattiv, b'titolu ta' dominju pubbliku, fl-ammont ta' Lm14.00,0 fis-sena.

Ghal dawn il-motivi il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif risultanti mill-istess rikors u:

1. jordna lill-intimati sabiex jittrasferixxu favur ir-rikorrent, b'titolu ta' dominju pubbliku il-fond numru 13, Sqaq numru 2, Triq il-Herba, Birkirkara kif delineat fuq il-pjanta a fol 26 tal-atti liema pjanta ghandha tifforma parti integrali minn din id-decizjoni;

2. jiffissa l-kumpens relattiv fl-ammont ta' Lm14.00,0 fis-sena dekorribbli mit-30 ta' Novembru 1989;

3. jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku sabiex jippublika l-att relattiv fid-Dipartiment tal-Artijiet fis-7 ta' Jannar 2003 fid-9.00a.m. u;

4. jinnomina lill-Avukat Dottor Anthony Cutajar sabiex jidher ghall-eventwali kontumaci; bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Dep.Reg